MALTA

# QORTI CIVILI
# (SEZZJONI TAL-FAMILJA)

**ONOR. IMHALLEF**
**JOSEPH AZZOPARDI**

Seduta tas-6 ta' Marzu, 2009

Citazzjoni Numru. 73/2008

**A mart B**

**-vs-**

**1. B;**

**2. C li b'digriet tal-Qorti tal-11 ta' Marzu 2008 giet nominata bħala kuratriċi sabiex tirrapreżenta lill-minuri D;**

**3. Id-Direttur tar-Reġistru Pubbliku għal kull interess li jista' jkollu; u**

**4. l-Avukat Ġenerali**

**Il-Qorti;**

Rat ir-rikors ġuramentat ippreżentat fil-21 ta’ Frar 2008 li permezz tiegħu l-attriċi esponiet bir-rispett u bil-ġurament tagħha kkonfermat:

1. Illi hija miżżewġa lill-konvenut B.

2. Illi barra minn dan iż-żwieġ twildilha tifel D fit-tnejn u għoxrin ta’ Ottubru tas-sena elfejn u sitta (22 t’Ottubru 2006) kif jirriżulta miċ-ċertifikat tat-twelid numru tlieta erbgħa tnejn disgħa (3429) tas-sena 2006 hawn anness u mmarkat Dok. IC 1.

3. Illi għalkemm fiċ-ċertifikat tat-twelid imsemmi ġie dikjarat li missier tat-tarbija kien il-konvenut B, effettivament il-minuri D ġie konċepit barra ż-żwieġ ma’ missier li mhux magħruf;

4. Illi l-attriċi għandha nteress li l-minuri ma jibqax reġistrat fuq isem żewġha *stante* li l-istess żewġha mhux il-missier naturali tiegħu u dan kif jirriżulta mill-anness riżultat tad-DNA li l-partijiet konjuġi A u B għamlu li qed jiġi anness u mmarkat Dok. IC 2.

5. Illi l-attriċi hija bint E u C mwielda Melbourne l-Awstralja u residenti Malta.

6. Illi missier il-minuri mhux magħruf.

7. Illi għalhekk hija qed tagħmel din il-kawża.

Jgħidu għalhekk l-intimati għaliex din l-Onorabbli Qorti m’ għandhiex:

1. Tiddikjara li l-missier naturali tal-minuri D li twieled fit-22 ta’ Ottubru 2006 mhux il-konvenut B;

2. Tiddikjara li l-minuri D huwa iben missier mhux magħruf;

3. Tordna lill-konvenut Direttur tar-Reġistru Pubbliku sabiex jagħmel il-korrezzjonijiet kollha neċessarji fiċ-ċertifikat tat-twelid tal-minuri msemmija (Att numru ___

tas-sena ___) u partikolarment fil-kolonni ntitolati: *"isem u kunjom missier D"*, tikkanċella l-isem *"B"* u tissostitwih bil-kliem *"missier mhux magħruf"* u in kwantu jirreferu għal missier B jiġu korretti konsegwentement billi jiġu sostitwiti bil-kliem *"missier mhux magħruf".*

4. Bl-ispejjeż.

Rat il-lista tax-xhieda.

Rat ir-risposta ġuramentata ta' l-intimat id-Direttur tar-Reġistru Pubbliku, ippreżentata fl-20 ta' Mejju 2008, li permezz tagħha espona bir-rispett u bil-ġurament tiegħu kkonferma s-segwenti:

1. Illi preliminarjament fil-mertu l-esponent m'huwiex edott mill-fatti kif allegati fir-rikors ġuramentat u għalhekk jirrimetti ruħu għall-provi dwar it-talbiet, inkluż dawk it-testijiet xjentifiċi neċessarji, għall-ġudizzju ta' din l-Onorabbli Qorti.

2. Illi subordinatament u mingħajr preġudizzju għas-suespost, jeħtieg illi r-rikorrenti tipprova l-impossibbilta' fiżika bejn il-konjuġi u cjoe' bejn l-intimat B u bejnha.

3. Illi mhux fl-interess tal-minuri li r-rikorrenti li hija l-omm tat-tarbija titlob li l-missier jiġi ndikat bħala li huwa mhux magħruf u għalhekk il-missier naturali tat-tarbija għandu jigi ndikat.

4. Illi jirriżulta li kien l-intimat B li kien id-dikjarant u għamel in-notifikazzjoni tat-twelid tat-tarbija fuq l-Att tat-Twelid in kwistjoni.

5. Illi jekk it-talbiet dedotti fir-rikors ġuramentat jintlaqgħu jeħtieg li l-kliem *"the said"* jiġu kanċellati minn taħt il-kolonna li tindika d-dettalji ta' l-omm fuq l-Att tat-Twelid relattiv. *Inoltre*, jekk t-talbiet jintlaqgħu l-kunjom tal-minuri għandu jiġi korrett.

6. Illi għandha ssir id-debita pubblikazzjoni fil-Gazzetta tal-Gvern *ai termini* ta' l-Artikolu 254 tal-Kapitlu 16 tal-Liġijiet ta' Malta.

7. Illi fi kwalunkwe każ it-tibdil rikjest fl-Att tat-Twelid m'huwiex attribwibbli għal xi nuqqas ta' l-intimat, li għaldaqstant m'għandux jiġi soġġett għall-ispejjeż ta' l-istanti.

8. Salv eċċezzjonijiet oħra.

Tant għandu x'jissottometti l-esponent għas-savju ġudizzju ta' din l-Onorabbli Qorti.

Rat il-lista tax-xhieda.

Rat in-nota ġuramentata tal-konvenuta kuratriċi preżentata fil-11 ta' Marzu 2008 li permezz tagħha esponiet bir-rispett li qed tammetti t-talbiet tar-rikorrenti attriċi kif dedotti fiċ-ċitazzjoni.

Rat illi r-risposta tal-konvenut B ppreżentata fit-2 ta' Ġunju 2008 li permezz tagħha espona bil-qima:

1. Illi hu jaqbel mat-talbiet kollha ta' l-attriċi kif dedotti;

2. Illi m'għandux ibati l-ispejjeż.

Rat l-atti proċesswali u senjatament ix-xhieda ta' l-atturi kif ukoll id-dikjarazzjoni ta' G li permezz tagħha huwa ddikjara l-paternita' tiegħu fir-rigward tal-wild imsemmi;

Rat il-verbal tas-seduta tat-30 ta' Jannar 2009 li permezz tiegħu l-kawża tħalliet għas-sentenza.

Ikkunsidrat;

Illi l-attriċi qed titlob dikjarazzjoni illi t-tarbija illi kellha u rreġistrata bħala bint ir-ragel tagħha tiġi dikjarata wild missier mhux magħruf iżda aktar tard fil-kawża ddikjarat li

l-missier huwa G illi ikkonferma dan u indika d-dettalji tiegħu a fol. 45 tal-proċess.

Din il-Qorti fil-kawża fl-ismijiet **"Josianne Giusti vs Pierre Giusti et"** deċiża fis-16 ta' Frar, 2001 kienet qalet:

*"Illi fil-mertu jirriżulta li fiż-żmien li setgħet tiġi konċepita t-tarbija l-attriċi kellha relazzjoni mal-konvenut fl-istess waqt li f'dak iż-żmien ma kellhiex x'taqsam mar-raġel tagħha. Din il-Qorti rriteniet illi din il-prova hija suffiċjenti biex jiġi sodisfatt il-kriterju stabbilit fl-Artikolu 77 tal-Kodiċi Civili ("Spiteri pro et noe vs Cilia et", fost oħrajn, 30 ta' Jannar, 1998). Finalment hemm l-ammissjoni ta' l-omm li minkejja li waħedha mhux biżżejjed (Artikolu 70 (2) tal-Kodiċi Ċivili), meħuda ma' dawn iċ-ċirkostanzi l-oħra telimina kull dubju f'moħħ il-Qorti dwar il-paternita' tat-tarbija."*

Il-Qorti għandha l-istess konvinċiment f'din il-kawża u ma hemm ebda dubju dwar it-talba ta' l-attur, u anke peress li dan hu konformi mat-test tad-*DNA* u ammissjoni ċara.

Rigward l-eċċezzjonijiet tad-Direttur tar-Reġistru Pubbliku l-Artikolu 254 ġie sodisfatt billi l-pubblikazzjoni saret a fol. 8.

**Għaldaqstant il-Qorti tiddeċiedi l-kawża billi tilqa' l-ewwel talba; tilqa' wkoll it-tieni u t-tielet talba iżda b'dan li jiġi dikjarat li l-wild imsemmi huwa iben G li għandu l-konnotati tiegħu kif indikati a fol. 45 tal-proċess; u tordna lill-konvenut Direttur tar-Reġistru Pubbliku biex idaħħal dawn il-konnotati.**

**L-ispejjez jitħallsu mill-attriċi.**

**Moqrija.**

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------